# 42. Il-Mistrieħ tad-Dielja

Ja dielja ġwejda tul Settembru mdieheb
int rajt l-ulied tal-bdiewa ġewwa l-ġonna
tiegħek iduru u jaqtgħu l-għeneb ħelu
isfar u vjola,

U rajt il-qfief, eluf eluf, jinġarru
fuq dahar il-karettun għal ġol-imħażen,
u rajt il-kxaxen imfawrin bil-għeneb
misjur u jiddi

Jitgħaffeġ bis-saqajn, u smajt lill-meraq
ifaqqa' ċappa ċappa ġol-għejun,
ħażna ta' ferħ u sħana tul ix-xitwa
li ġejja fuqna.

Neħħi issa l-frieket li għenuk biex terfa'
it-toqol tal-għenieqed, inża' l-weraq
sfajra u midbiela, mtedd mal-art għal tulek,
u strieħ is-serħa

Ta' dawk li ħadmu bieżla tul is-sena;
u waqt ir-raqda mbenna mill-buffuri
int terġa' toħbol; f'Marzu, fir-rebbiegħa
int terġa' tfeġġeġ

Mara sabiħa hienja bil-frott f'ġufha;
sidrek bħal dak tal-baqra li qed tirgħa
fil-għalqa ħdejk jerġa' jimtela u jonfoħ
isfar u vjola.